# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2019**

**Rikors Guramentat Numru : 206/2019/LSO**

**Tal-Karmnu Constructions Limited (C-17718)**

**vs**

**GMF Precast Limited (C-11521), Maria Brincat (K.I. Nru. 337056M) u Carmelo Sammut (K.I. Nru 87538M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Revoka tal-Intimati-Sekwestrati datat 27 ta' Frar 2019 fejn esponew :-

Illi permezz ta' rikors is-Socjeta' Sekwestranti talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 225/2019 kontra l-Intimati kollha fl-ammont hemm indikat fl-istess mandat u bil-kawzali hemmhekk indikati;

Illi minhabba dan il-mandat, dan bazikament iffriza lill-Intimati kollha sal-estent tal-ammont imsemmi kull wiehed. Din kienet probabbli l-intenzjoni tas-Socjeta' Sekwestranti u cioe' li 'tispara' fuq kulhadd bl-addocc. Dan bid-dovut rispett m'huwiex l-ghan li ghalih il-ligi trid li jintuzaw il-mandati ta' din ix-xorta. L-istess Maria Brincat u Carmelo Sammut *proprio* certament li qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-Socjeta' Sekwestranti u per konsegwenza l-imsemmi mandat ta' sekwestru qatt ma messu sar kontra taghhom. Dan hu abbuz tal-procedura u l-ghan tal-imsemmi mandat u tas-Socjeta' Sekwestranti hu li jipprova jgib lill-Intimati *proprio* gharkopptejhom sabiex dawn ma jkollhomx triq ohra ghajr li joqghodu ghall-intransigenza tieghu;

Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo* m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghal diversi ragunijiet fosthom:

1. Illi l-istess Socjeta' Esekutanti qed issemmi fir-Rikors ghall-Hrug ta' Mandat danni li hija qieghda issemmi f'kawza li hija fethet. Dan certament sar b'ritaljazzjoni ghall-kawza ohra li giet intavolata kontra s-Socjeta' Sekwestranti fuq kwistjoni separata. Ghalhekk certament li ma kienx hemm il-

htiega skont il-ligi sabiex is-Socjeta' Esekutanti tohrog dan il-Mandat ghaliex f'dan l-istadju m'ghandhom xejn x'jikkawtelaw. Dan is-Socjeta' Esekutanti tafu ben tajjeb.

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ricevut bhala kera kien fl-ammont ta' €19,870 u mhux fl-ammont ezorbitanti li gie mitlub fil-mandat odjern, u liema kera giet ricevuta wara li kien intlehaq ftehim bejn is-Socjeta' Rikorrenti u s-Socjeta' Intimata fejn l-istess proprjeta' kellha tigi trasferita permezz ta' att pubbliku lis-Socjeta' Intimata bi tpartit ghall-hlas ta' nofs il-prezz ta' materjal ikkonsenjat mis-Socjeta' Intimata, u liema trasferiment baqa' ma sarx minhabba inadempjenza tar-Rikorrenti. Kienet ir-Rikorrenti stess li tat il-pussess tal-imsemmi appartament lis-Socjeta' Intimata sabiex tibda taghmel uzu minnu daqs li kieku t-trasferiment gie formalizzat.

3. Illi inoltre, s-socjeta' Intimata investiet eluf ta' ewro biex l-appartament gie *finished* sabiex ikun jista' jinkera, u dana dejjem bi ftehim mar-Rikorrenti.

4. Illi l-Kodici Civili nostrana titkellem dwar 'telf effettiv' fl-istitut tad-danni. Dan isegwi li m'hux car kif l-istess Socjeta' Esekutanti waslet ghas-somma dedotta fl-istess Mandat. Bir-rispett kollu, ma jistghux jiehdu l-valur tal-kera li hemm fis-suq bhalissa ghal kull appartament. Is-Socjeta' Esekutanta kellha ftehim mas-Socjeta' GMF Precast Limited. Ir-rati ta' kera huma dawk spjegati aktar 'il fuq. In oltre, anke kieku wiehed kellu jiehu r-rati miftiehem, ma

kienx hemm il-htiega li dan l-ammont jigi ikkawtelat ghaliex hija s-sekwestranti li hija debitrici tas-socjeta' Intimata u mhux bil-kontra. Allura fejn qieghed it-'telf effettiv'?

5. Illi l-Intimati-Esekutati jirrilevaw illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u cioe' illi jharsu l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom xejn aktar u xejn anqas u sal-estent bhala kwantum tal-pretensjoni tieghu. Certament illi l-mandati m'ghandhomx l-iskop illi jissikaw lid-debitur [f'dan il-kaz ir-rikorrenti fil-procedura odjerna] aktar milli jmissu u aktar milli tkun ikkawtelata l-pretensjoni tal-kreditur [Ara digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Dr. T. Mallia nhar it-3 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet 'Emmanuel Sammut et v. Josephine Sammut'];

6. Illi ghalhekk isegwi li m'hemm l-ebda raguni li tiggustifika li l-mandat 'de quo' ghandu jibqa' fis-sehh fil-konfront tal-Intimati-Esekutati kollha. M'hemmx il-htigijiet skont il-ligi sabiex dan jibqa' fis-sehh u fi kwalsiaisi kaz l-istess Mandat huwa wiehed oltre milli eccessiv;

7. Illi in oltre se jirrizulta mill-fatti hawn fuq esposti illi l-mandat ta' sekwestru jinsab fis-sehh b'mod frivolu u vessatorju fil-konfront specjalment tal-Intimati *proprio* fejn is-Socjeta' Sekwestranti ghandha tehel il-penali ikkontemplata fil-ligi fil-massimu taghha u kif ukoll fil-konfront tas-Socjeta' Esekutata.

Ghaldaqstant, *in vista* tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-Intimati-Sekwestrati umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka, thassar u tikkancella 'in toto od in parte' l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 225/2019 *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-Socjeta' Esekutanti sabiex thallas lill-Intimati-Sekwestrati jew min minnhom is-somma ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6988.12) bhala penali u dan a tenur tal-Artikolu 836(8)(b) u / jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv kwalsiasi azzjoni in linea ta' danni spettanti lis-Sekwestrati fil-konfront tas-Socjeta' Esekutanti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Marzu 2019.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 11 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 225/2019. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Matthew Bondin u Dr Carlos Bugeja, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan huwa rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 225/2019 li nhareg mis-socjeta` ezekutanti biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir tal-Mandat ta' sekwestru 'in toto' jew 'in parte', peress li gie wkoll sostnut, li l-ammont ikkawtelat hu ezorbitanti u eccessiv. Inoltre`, gie sostnut, li l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz li jikkawtelaw l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux li jissikkaw lid-debitur aktar milli jmissu, b'hekk qed jigi sottolineat li l-mandat mhuwiex gustifikat.

### Konsiderazzjoni ta' Dritt:

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*"**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att katelatroju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta' Frar 2001 (**"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd."**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sotantiv lilha kkontestat jigi definit

minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-Artikolu 836(1)(b)**

Din id-disposizzjoni skont il-kliem uzat fiha, giet imfissra bhala referenza ghal xi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju li kienet tezisti filwaqt tal-hrug tal-istess Mandat, ma baqghetx tezisti izjed. Ghalhekk, jekk wiehed irid jimxi ma' tali tifsira, wiehed irid juri li l-htiega ghall-hrug tal-mandat trid tkun naqset wara li nhareg l-att.

Illi kif tajjeb sottomess fir-risposta tas-socjeta` intimata, l-htigijiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorju huma li: (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi zmien preskritt wara) ssir il-kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (c) li l-Mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.

Fil-kaz in ezami, jigi ritenut, li r-rikorrenti ma ndikawx li wiehed minn dawn il-kweziti rikjesti mil-ligi huwa nieqes u lanqas jirrizultalha tali kweziti mill-atti esebiti. Ghalhekk, din il-Qorti ser tiskarta l-ewwel raguni migjuba mir-rikorrenti.

**L-Artikolu 836(1)(d)**

Fil-kawza **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L.) 5 ta' Settembru 2008 inghad li bid-disposizzjoni tal-artikolu 836 (1) (d) dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("fumus juris"). Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sotantiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Fil-kaz in ezami, l-intimati sekwestrati sostnew li l-mandat in kwistjoni mhux gustifikat u huwa eccessiv *stante* li l-ammont ricevut bhala kera ghall-fond in kwistjoni, kien fl-ammont ta' €19,870 u mhux fl-ammont ezorbitanti li gie mitlub fil-mandat *de quo*. Jirrizulta li kien hemm ftehim, fejn il-proprjeta` in kwistjoni kellha tkun trasferita b'att pubbliku, liema trasferiment baqa' ma sarx. Ghalhekk, is-socjeta` intimata bdiet taghmel uzu mill-proprjeta` daqs li kieku kien gie formalizzat il-ftehim wara tpartit ghall-hlas ta' nofs il-prezz ta' materjali ikkonsenjat mis-socjeta` intimata. Mhuwiex ikkontestat li l-materjal gie fornut. L-intimati sekwestrati inoltre, qed jikkontendu li ma jistax jittiehed il-valur tal-kera li hemm fis-suq bhalissa ghall-proprjeta` in kwistjoni. Gie sottomess kemm fil-premessi tar-rikors u kif ukoll fit-trattazzjoni, li l-mandati qeghdin hemm biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet ta' min hareg il-mandat u mhux biex jissikkaw lid-debitur.

Min-naha l-ohra, qed jigi sostnut mill-kontro-parti, li m'hemmx lok ghal riduzzjoni tal-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru, ghaliex dak pretiz mhuwiex dak li dahhlu s'issa l-intimati f'kera, izda l-kalkalu ta' dak li ntilef, bhala qliegh minn din il-proprjeta`, b'kalkolu ta' kera ta' seba' mitt ewro fix-xahar.

Mill-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti ma jirrizultax li ntwera li l-ammont pretiz mhux *prima facie* gustifikat jew li ma hemmx il-*fumus juris* mitlub mil-legislatur. Ikkunsidrat, li almenu b'mod *prima facie*, l-ammont pretiz fil-mandat huwa *prima facie* gustifikat u mhux eccessiv. *Di piu`*, sabiex issehh ir-riduzzjoni tal-ammont kawtelat, mitluba fir-rikors odjern, jehtieg stharrig fil-mertu, li certament mhuwiex permess f'dan l-istadju.

Ghalhekk, jigi dedott li dan jimplika li hemm raguni valida ghaz-zamma fis-sehh tal-mandat, ma giex sufficjentement ippruvat li l-ammont kawtelat huwa eccessiv, kwindi s-socjeta` Tal-Karmnu Construction Limited ghandha pretensjoni kawtelabbli.

**L-Artikolu 836(1)(f)**

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** –

P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). U din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm u aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab initio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat.

Ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jista' jwassal ghar-revoka tal-mandat abbazi ta' dan l-artikolu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud billi ma hemmx raguni valida biex izzomm lill-intimati milli jikkawtelaw il-kreditu pretiz b'kull mezz permess bil-ligi.

L-accenn li sar fit-trattazzjoni tramite l-avukat difensur tar-rikorrenti, kien li l-konvejnu dwar il-proprjeta` in kwistjoni kien sar bejn il-kumpaniji, u mhux ma' Maria Brincat u Carmelo Sammut *proprio*, ghalhekk qed jigi sostnut, li l-mandat ma kellux isir ukoll fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni li mhumiex l-unici diretturi tas-socjeta`, li kienet parti fil-ftehim ta' konvenju. Fit-trattazzjoni, gie sottomess, li *nonostante* li l-konvenju sar bejn iz-zewg socjetajiet, il-mandat sar kontra kull min qed izomm il-proprjeta`. Illi dan il-fatt innifsu, evidentement, ma jammontax ghal bdil ta' cirkostanzi. Ghall-istess raguni, din il-Qorti ma tistax tiskarta fuq bazi *prima facie*, li s-socjeta` ezekutanti m'ghandhiex

interess guridiku biex tfittex lill-Maria Brincat u lil Carmelo Sammut ghad-danni *stante* li huma ghandhom pussess tal-fond in mertu. Din il-konsiderazzjoni tillegittima t-talba tal-stess ezekutanti ghall-hrug tal-mandat kontrihom.

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat billi l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-artikolu 836(1) (b) (d) u (f) ma jirrizultawx.

**L-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap 12**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti jigu kkundannati ihallsu penali abbazi tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12. L-artikolu 836 tal-Kap 12 gie emendat permezz tal-Att XXIV tal-1995.

**L-artikolu 836 (8) (b) jipprovdi**:

*"Jekk fuq talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed."*

"*Izda, d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug ta' mandat."*

Dwar dan il-kap ma tressqet l-ebda prova u ghalhekk it-talba qed tigi michuda.

**L-artikolu 836 (8) (d) jipprovdi:**

*"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (Ara **Farrugia vs C&F Building Contractors Limited** – PA (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, **Cole Foods Ltd vs Euro Imports Ltd**. – PA (TM) – 13 ta' Marzu 2003, **Spiteri vs Darmanin** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni inghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tesigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **Paul Attard noe. vs Loreto Abela**, P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min*

*jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli* ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta*' dak il-jedd (***qui suo jure utitur neminem laedere videtur***); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*Illi generalment l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali, li x'aktarx jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward, inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali ta' responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Applikati, dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ir-rikorrenti indikaw li qed jinvokaw specifikatament is-subinciz (b) u (d) tal-artikolu 836 (8). Illi jigi ritenut li din il-Qorti sabet li s-socjeta` intimata ppruvaw *prima facie* li kellhom raguni ghall-mandat u ghalhekk teskludi li t-talba ghall-hrug tal-mandat saret b'mod malizzjuz, fierah jew vessatorju.

Ghalhekk, issib li anke din it-talba ghandha tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talbiet kif dedotti ghar-ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti sekwestrati.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**07 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**07 ta' Mejju 2019**